A.L. 367 ta' l-2007

ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI
(KAP. 276)

Ordni ta' l-2007 li jemenda l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 7 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2007 li jemenda l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2004 dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-ordni prinċipali". A.L. 320 ta' l-2004.

Jemenda l-artiklu 5A ta' l-ordni prinċipali.

2. L-artiklu 5A ta' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartiklu (1) tiegħu, minflok il-kliem "li jkollu miegħu" għandhom jidħlu l-kliem ", li jkollu d-dettalji tiegħu msemmija fil-formola,"; u

(b) fis-subartiklu (2) tiegħu, minflok il-kliem "li jkollu miegħu" għandhom jidħlu l-kliem ", li jkollu d-dettalji tiegħu msemmija fil-formola".

Jemenda l-artiklu 20 ta' l-ordni prinċipali.

3. Fis-subparagrafu (ċ) ta' l-artiklu 20 ta' l-ordni prinċipali, minnufih qabel il-kliem "il-kunsens ma jkunx ingħata" għandhom jidħlu l-kliem "wara li jkun ġie rikjest minn dak il-pajjiż li jreġġa' lura minnufih malli l-persuna terġa' lura Malta,"

Iżid artiklu ġdid ma' l-ordni prinċipali.

4. Minnufih wara l-artiklu 27 ta' l-ordni prinċipali għandu jiżdied dan l-artiklu ġdid li ġej:

"Deċiżjoni dwar il-konsenja.

27A. Id-deċiżjoni dwar il-konsenja għandha tittieħed mill-qorti fi żmien xahar li jibda għaddej mill-ġurnata meta l-persuna li dwarha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II kienet ġiet arrestata.".

Jemenda l-artiklu 28A ta' l-ordni prinċipali.

5. Minflok is-subartiklu (2) ta' l-artiklu 28A ta' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Jekk qorti tibgħat lill-persuna biex titqiegħed taħt att ta' akkuża biex tistenna li titreġġa' lura u jkun għadu qed jitmexxa kontra dik il-persuna għall-akkużi msemmija fis-subartiklu (1), hija tista':

(a) tipposponi l-konsenja tal-persuna sakemm tiġri xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) isir mill-akkuża;

(ii) l-akkuża tiġi irtirata;

(iii) il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;

(iv) il-proċedimenti jiġu differiti *sine die;* jew

(b) tikkonsenja temporanjament lill-persuna taħt kundizzjonijiet miftiehma bil-miktub ma' l-awtorità li tkun ħarġet il-mandat taħt it-Taqsima II.".

Jemenda l-artiklu 31 ta' l-ordni prinċipali.

6. L-artiklu 31 ta' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartiklu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jkun inġust jew oppressiv" għandhom jidħlu l-kliem "jkun ta' periklu għall-ħajjitha jew saħħitha"; u

(b) minflok il-paragrafu (a) fis-subartiklu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) tipposponi l-konsenja, jew".

Iżid l-artiklu 32A ġdid ma' l-ordni prinċipali.

7. Minnufih wara l-artiklu 32 ta' l-ordni prinċipali, għandu jiżdied dan l-artiklu ġdid li ġej:

"Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

32A. Id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha tingħata mhux iżjed tard minn xahar li jibda għaddej mill-ġurnata meta jiġi ppreżentat appell mill-Avukat Ġenerali jew mill-persuna li dwarha jkun inħareg il-mandat taħt it-Taqsima II, tkun ġiet arrestata.".

Jemenda l-artiklu 44 ta' l-ordni prinċipali.

8. Fis-subartiklu (7) ta' l-artiklu 44 ta' l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "dik il-persuna għandha tinħeles" għandhom jidħlu l-kliem "dik il-persuna għandha tinħeles kemm-il darba ma tingħatax kawża raġonevoli għal dak id-dewmien".

Jemenda l-artiklu 73 ta' l-ordni prinċipali.

9. Fis-subparagrafu (b) tas-subartiklu (5) ta' l-artiklu 73 ta' l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-imħallef ma jkunx għamel" u "ma jkunx ordna" għandhom jidħlu l-kliem "il-qorti ma tkunx għamlet" u "ma tkunx ordnat" rispettivament.

Iżid l-artiklu 73E ġdid ma' l-ordni prinċipali.

10. Minnufih wara l-artiklu 73D ta' l-ordni prinċipali, għandu jiżdied dan l-artiklu ġdid li ġej:

"Termini għall-konsenja ta' persuni li jkunu jgawdu minn xi privileġġ, eċċ.

73E. (1) Meta l-persuna li dwarha jinħareġ mandat taħt it-Taqsima II, ikun igawdi xi privileġġ jew immunità dwar il-ġuriżdizzjoni jew l-eżekuzzjoni f'Malta, it-termini għall-konsenja m'għandhomx jibdew għaddejin kemm-il darba, u dan jibda jgħodd mill-ġurnata meta, il-qorti ma tiġix mgħarrfa bil-fatt li l-privileġġ jew l-immunità jkunu ġew imwarrba.

(2) Meta s-setgħa jew l-awtorità li jitwarrab il-privileġġ jew l-immunità ikunu jappartjenu lill-awtoritajiet ta' Malta, il-qorti għandha minnufih titlob lill-awtorità rilevanti teżerita dik is-setgħa.".